MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 342/2005

**G.M.F. Precast Limited**

**vs**

**Tal-General Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Gunju tas-sena 2005 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas is-somma ta' tlett elef, tmien mija u hamsin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu, (LM3,850.25,0), u dan skond "statement of account" anness u mmarkat Dok. GMF 1, rapprezentanti xoghol ta'

materjal ghall-kostruzzjoni ossia planki gia' mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata l-25 t'April tas-sena 2005, u bl-imghax kummercjali skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv;

3. Illi rapprezentanti tas-socjeta' konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta datata s-26 t'Ottubru tas-sena 2005 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz promotur;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Tal-General Company Limited biex thallas lis-socjeta' attrici G.M.F. Precast Limited l-ammont ta' tlett elef, tmien mija u hamsin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu, (LM3,850.25,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------